**MFIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 13 ta' Jannar 2025

**Il-Pulizija**
**vs**
**Marlon Zarb**
(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0486288M)

**Il-Qorti,**

Rat li Marlon Zarb ta' 36 sena, iben Robert Zarb u Marcelline xebba Portelli imwieled Pietà, nhar 23 ta' Ottubru 1988, detentur tal-karta ta' identità bin-numru 0486288M u residenti fil-fond 105, Flat 3, Triq Atocia, Ħamrun, tressaq taħt arrest u ġie akkużat talli nhar it-12 ta' Jannar, 2025 bejn is-sagħtejn u t-tleita ta' filgħodu f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bid-digriet/i li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest datat 11 ta' Mejju 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. u/jew dak datat 12 ta' Mejju 2021 mill-Qorti Kriminali, Onor. Imaħllef Consuelo Scerri Herrera LL. D.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Marlon Zarb u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u/jew tordna li is-somma marbuta jew parti minnha tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-imputat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri, u li huwa iddikjara li jaf li żbalja u ddispjeċiħ biss lest li jerfa l-konsegwenzi tal-aġir tiegħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Marlon Zarb, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0486288M, ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' multa fl-ammont ta' elf (€1,000) Ewro. Il-Qorti takkorda l-benefiċċju taż-żmien għal-ħlas b'dana illi l-multa hekk imposta titħallas permezz ta' mitt (€100) fix-xahar.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' parti mis-somma depożitata fl-ammont ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) bħala garanzija għall-ħelsien mill-arrest mogħti permezz ta' digriet tal-Qorti Tal-Maġistrati

(Malta) datat 11 ta' Mejju 2021, mill-Onor. Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL.D. kif sussegwentement emendat permezz ta' digriet datat 12 ta' Mejju 2021 mill-Qorti Kriminali, mill Onor. Imaħllef Consuelo Scerri Herrera LL. D.

Il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li din tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti tal-kawża msemmija.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti f'dan il-każ.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**

**Maġistrat**

**Josanne Gauci**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------